# <u>Petizzjoni dwar it-tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin</u>

**Aħna ċ-ċittadini w ir-residenti Maltin u Ghawdxin ta' Malta qiegħdin nipprotestaw dwar:**

- Ir-rata ta' bini sfrenat li qiegħed isir f'Malta li l-politiċi, b'nuqqas kbir ta'viżjoni għall-ġejjieni ta' Malta, qiegħdin iħarsu lejh bħala progress. Din ir-rata ta' bini sfrenat minnflok qiegħed jirvina l-qalba tal-irħhula, u jiddisturba r-residenti waqt li jitfa' pressjoni insostenibbli fuq l-infrastruttura. Kull fejn tħares, djar ta' valur arkitettoniku u storiku qiegħdin jinqerdu.
- Blokkok ta' appartamenti qiegħdin jinbnew mingħajr ma jitqies il-bżonn għall-arja, għall-ventilazzjoni u mingħajr ma titqies id-densità tal-popolazzjoni f'dak ir-raħal jew belt waqt li stabbilimenti kummerċjali qiegħdin jiddistruġġu l-paċi u l-kwiet li kull ċittadin għandu dritt għalihom.
- F'daqqa waħda ċ-ċittadini u r-residenti isibu ruħħom jgħixu f'nofs impjant ta' kostruzzjoni, jgħixu fi-sħaba kontinwa ta' trab u storbju u mdawwrin b'inġenji tal-bini. Dan qiegħed iwassal għal tnaqqis serju fil-kwalità tal-ħajja tagħna, f'żieda qawwija fil-mard respiratorju bħal *asthma* b'rizultat l' it-tfal Maltin li jsofru minn din il-marda jilħqu l-għola rata fl-Ewropa.
- Il-proposta li art ta' importanza ekoloġika u arkeoloġika serja tintuża għal żvilupp ta' korsi tal-*golf*. Aktar art fil-kampanja u art agrikola ġiet immarkata għal żvilupp li ser iwassal għal tnaqqis iżjed mill-ftit art li fadlilna u degradazzjoni u qerda totali tal-bijodiversità u tal-flora u fawna fuq dawn l-artijiet.
- It-tniġġis tal-baħar u l-firxa inkontrollabbli tal-friem tal-ħut, li qiegħed ikollu impatt ħazin fuq il-baħar, fuq ir-rizorsi ta' l-ilma u fuq il-valur rekreazzjonali għaċ-cittadini u l-viżitaturi ta' dawn il-gżejjer.
- Dan it-tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja u d-degradazzjoni ta l-ambjent qiegħed jinħass ukoll fit-Turiżmu, l-industrija ewlenija f'Malta.

Għall dawn ir-raġunijiet qiegħedin nitolbu:

- Li talbiet għall-żvilupp f'art immarkata ODZ ma jiġux ikkunsidrati.
- Il-qalba tal-irħula u l-ibliet li jirriflettu l-wirt kulturali tagħana jiġu protetti minn żvilupp u minflokk jiġu rijabilitati.
- MEPA flimkien mal-personell għandhom ikunu kemm awtonomi kif ukoll responsabbli. Ir-regoli tal-MEPA għandhom jiġu riveduti biex iċ-ċittadin jingħata d-drittijiet tiegħu għall-informazzjoni, rappreżentazzjoni u protezzjoni.
- Ghanda ssir liġi li tobbliga t-trasparenza totali dwar il-finanzjamenti li jirċievu l-partiti politiċi u għandu jitqiegħed limitu fuq l-ammonti li jistgħu jirċievu partiti politiċi mingħand individwi jew gruppi.
- Għandu jsir investiment fil-kamp ta' l-infurzar tal-liġijiet dwar żvilupp u bini illegali.
- L-ambjent u l-wirt kulturali huwa problama nazzjonali mhux problema ta' xi partit partikolari u għaldaqstant kulħadd għandu jingħaqad biex l-problemi ambjentali jiġu solvuti bl-ahjar mod possibli għall-ġid ta' Malta u Għawdex u taċ-ċittadini tagħhom.

Huwa fatt li iridu jittieħdu deċiżjonijiet diffiċli u jista' jkun hemm tnaqqis fl-ammont ta' voti tal-partit li jkun fil-gvern. Għallek qiegħdin nitolbu li l-ambjent jitneħħa mix-xena politika u jiġi ttrattat fuq bażu nazzjonali. Deċizjoni matura bħal din ma tistax ma twassalx għall-titjieb fil-mod kif iċ-ċittadini jħarsu lejn il-partiti politiċi u huwa żgur pass kbir il-quddiem fil-kwalità tal-ħajja u fix-xena politika.

---

BICREF, BirdLife Malta, Flimkien għal Ambjent Aħjar, Fondazzjoni Wirt Artna, Friends of the Earth, Gaia Foundation, Graffitti, Insalvaw il-Wied tal-Kalkara, Island Sanctuary Association, Kumitat għall-Ħarsien Rurali ta' Għajn Tuffieħa, Malta Geographical Society, MOAM, Nature Trust, Qui Si Sana Residents Association, Ramblers Association, Save Wied Garnaw Action Group, The Archaeological Society

Address: PO Box 41, Sliema Post Office, SLM01 , Malta
Website: www.ambjentahjar.org
Email: contact@ambjentahjar.org

| **Name** | **Address** | **ID Card** | **Email Address** | **May we contact you by email/post?** | **Signature** |
| --- | --- | --- | --- | --- | --- |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |
| | | | | | |

Please Return by Posting to : PO Box 41, Sliema Post Office, SLM01 , Malta
Website: www.ambjentahjar.org
Email: contact@ambjentahjar.org